MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1415/1995/1

**Nicholas, Joseph u Michael ahwa Cutajar**

**v.**

**Salvu Cutajar u ghal kull interess li jista' jkollhom Peter Paul Cutajar u Francis Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru, 1995 l-atturi ppremettew illi huma, flimkien mal-konvenuti ghamlu xogholijiet ta' "*demolition*

*and excavation* at Tikka Flats, Main Street, St. Julians"; illi l-konvenut Salvu Cutajar amministra tali xogholijiet u rcieva l-flus ghan-nom tas-socji ghall-imsemmija xogholijiet; illi ghalkemm interpellat il-konvenut Salvu Cutajar baqa' ma ta l-ebda rendikont tal-gestjoni tieghu u tal-flus li hu rcieva ghan-nom tas-socji kif premess; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-Salvu Cutajar jaghti rendikont shih u fidil tal-gestjoni ossia amministrazzjoni tieghu kif premess, u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;
2. in difett, jigu awtorizzati l-atturi jiffissaw huma stess l-ammont dovut lil kull wiehed minnhom, bil-gurament taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata l-1 ta' Settembru 1995, kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-6 ta' Marzu 1996 l-konvenut Salvu Cutajar eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut Salvu Cutajar amministra xogholijiet u rcieva flus bhala kuntrattur tas-Sinjur (sinjuri) Lowell liema persuni kienu inkarigawh f'ismu proprju u mhux bhala socju ta' l-atturi biex jaghmel xogholijiet ta' *demolition and excavation* fuq Tikka Flats, Main Street, San Giljan, proprjeta` taghhom, kif jidher fl-anness Dokument markat SC1 u li ghalhekk ma kellu l-ebda obbligu li jaghti rendikont ta' l-amministrazzjoni u tal-flus li huwa rcieva ghal dan l-imsemmi kuntratt.
2. Illi fit-tieni lok l-atturi kienu gew imqabb(d)a jaghmlu xogholijiet mill-konvenut Salvu Cutajar, ta' liema xogholijiet gew debitament imhallsa mill-istess konvenut u dan wara li kienu tnaqqsu xi pagamenti fuq xoghol iehor li l-partijiet stess kienu qieghdin jaghmlu fuq post iehor fil-Belt Valletta u infatti l-eccipjent qassam bejn l-ahwa kollha, inkluzi l-atturi, il-bilanc ta' LM2200 moghti lilu mis-Sur Lowell fil-15 ta' Settembru 1995.

**Is-sentenzi appellati.**

F’dawn il-proceduri nghataw zewg sentenzi. Wahda fis-16 ta’ Novembru, 2001 li permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvu Cutajar, laqghat l-ewwel talba attrici u tat lill-konvenut zmien ta’ xahar biex jaghti kont tad-dhul mix-xoghol ta’ twaqqiegh u skavar fis-sit ta’ Tikka Flats, fi Triq il-Kbira, San Giljan, u tan-nefqa fuq l-istess xoghol, b’ordni li l-kont kellu jaghti t-taghrif kollu li jrid l-Artikolu 390 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dak inhar il-kawza giet differita ghall-ezami tal-kont u, jekk ikun il-kaz, sabiex jinghata provvediment dwar it-tieni talba ta’ l-atturi u dwar l-ispejjez.

Fis-sentenza moghtija fil-31 ta’ Mejju, 2002 il-Qorti Civili Prim Awla, kkonstatat li l-konvenut ma kienx ottempera ruhu mas-sentenza tas-16 ta’ Novembru, 2001 billi “*ma jistax jitqies illi ta’ kont shih u fidili ta’ l-amministrazzjoni tieghu.*” Ghalhekk dik il-Qorti ghaddiet biex tipprovdi fuq it-tieni talba attrici billi tat lill-atturi s-setgha illi jispecifikaw, bil-gurament taghhom, is-somma li ghandhom jiehdu mix-xoghol tat-twaqqiegh u skavar fis-sit ta’ *Tikka Flats*, fi Triq il-Kbira, San Giljan u dana permezz ta’ nota fir-registru fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u b’notifika lill-konvenuti. Inoltre dik il-Qorti kkundannat lill-konvenut Salvu Cutajar ihallas l-ispejjez gudizzjarji.

Fis-sentenza tas-16 ta’ Novembru, 2001 (fol. 194), liema sentenza tikkoncerna l-ewwel talba attrici, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ma hux kontestat illi l-partijiet flimkien kienu ghamlu xi xogholijiet, fosthom xogholijiet ta’ twaqqiegh u skavar, fuq is-sit ta’ *Tikka Flats,* fi Triq il-Kbira, San Giljan. Il-konvenut Salvu Cutajar izda qieghed ighid illi l-kuntratt kien tieghu u l-atturi kienu biss impjegati mieghu jew sub-kuntratturi tieghu, u illi tax-xoghol li ghamlu hallashom; l-atturi qeghdin ighidu illi x-xoghol ghamluh flimkien bi shab, bil-hsieb li jaqsmu ndaqs, u illi, ghalkemm Salvu Cutajar kien ha hsieb ir-relazzjonijiet mas-sidien, il-kuntratt ma kienx tieghu wahdu izda taghhom ilkoll, skond il-prassi li biha jimxu l-partijiet, li huma lkoll ahwa.

“L-atturi xehdu illi, ghalkemm kull wiehed mill-partijiet jahdem ghal rasu fix-xoghol tal-gebel, meta xi wiehed minnhom kien ikollu xi bicca xoghol li tkun kbira wisq ghal wiehed wahdu, kien isejjah mieghu xi wiehed jew aktar minn hutu, skond il-bzonn u skond l-impenji ta’ l-ohrajn, u dawk li jiehdu sehem fix-xoghol jaqsmu l-qliegh f’ishma ndaqs.

“Minkejja dak li jghid fl-eccezzjonijiet tieghu, il-konvneut jaqbel illi tassew il-partijiet kienu jahdmu flimkien u illi jaqsmu l-qliegh f’ishma ndaqs bejniethom. Dan jidher car minn dak li xehed il-konvenut waqt il-kontro-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta’ Frar 2001:

“Mistoqsija:Imma fl-arrangament intern ta’ bejnietkom tkunu bi shab?
Twegiba: Imbaghad inkunu shab.
Mistoqsija: Tkunu bi shab?
Twegiba: Mhux inkunu bi shab; naqsmu, naqsmu. Ghax hu jista’ jghidli – inkunu f’nofs ta’ xoghol – ighidli “jiena minix gej izjed”.
Mistoqsija: Iva, imma jigifieri x-xoghol li jkun lahaq sar, taqsmu dak il-valur tax-xoghol li jkun lahaq sar?
Twegiba: Naqsmu, ezatt, iva.[1]”

“Aktar ‘il quddiem kompla jwiegeb hekk:

“Mistoqsija:Pero` inti ghidtilna wkoll illi x-xoghol jinhadem bi shab, jigifieri kulhadd jippartecipa safejn –
Twegiba: Iva, li jkun hemm jinqasam ma’ l-ahwa.
Mistoqsija: Ezatt. Issa, x’gara fil-kaz tax-xoghol ta’ skavar u pedamenti? ……. L-istess haga?
Twegiba: Iva, mela.

“Il-fatt illi fuq il-kuntratt t’appalt ma’ terzi deher il-konvenut biss ma jibdilx ir-relazzjoni interna bejn il-partijiet, li aktar tixbah relazzjoni ta’ shab *unius rei* kif qalu l-atturi milli relazzjoni ta’ sub-appalt jew impieg kif ighidu l-eccezzjonijiet.

[1] Fol. 181 et seq.

"Ghalhekk, il-konvenut, meta amministra l-appalt u dahhal il-flus, ma kienx qieghed jamministra biss hwejgu u flusu, izda wkoll dawk ta' shabu. Ta' din l-amministrazzjoni ghandu jaghti kont."

It-tieni sentenza u cioe` dik moghtija fil-31 ta' Mejju 2002 tikkoncerna t-tieni talba attrici. Fis-sentenza fuq citata u cioe` dik tas-16 ta' Novembru, 2001 il-konvenut kien inghata ordni biex jipprepara rendikont a tenur ta' l-Art. 390 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. It-tieni talba attrici trid li, f'kaz li l-konvenut jonqos milli jaghti l-imsemmi rendikont ta' l-amministrazzjoni tieghu, il-Qorti taghti lill-atturi s-setgha li jiffissaw huma stess, bil-gurament taghhom, l-ammont li ghandu jinghata lil kull wiehed minnhom.

Jirrizulta li, wara l-ordni moghti bis-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2001, il-konvenut Salvu Cutajaripprezenta kont b'nota tat-3 ta' Dicembru, 2001 u, sussewgentement, issejjah biex jixhed u jkompli jfisser il-kont fl-14 ta' Mejju 2002. Izda l-ewwel Qorti osservat li "*Mix-xiehda tal-konvenut* (liema xiehda ma tinstabx in atti) *hareg illi l-kont moghti minnu ma kienx "tad-dhul mix-xoghol tat-twaqqiegh u skavar tas-sit ta' Tikka Flats, fi Triq il-Kbira, San Giljan u tan-nefqa fuq l-istess xoghol*" *– kif riedet is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2001 – ghax il-konvenut, biex jasal ghall-bilanc, naqqas ukoll infieq illi ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol li tieghu kellu jaghti l-kont, u hekk ghamel tnaqqis li ma kellux isir."* Dik il-Qorti ghalhekk osservat illi l-konvenut "*ma jistax jitqies illi ta' kont shih u fidil ta' l-amministrazzjoni tieghu.*"

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut Salvu Cutajar hass ruhu aggravat bis-sentenzi fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenzi moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-16 ta' Novembru 2001 u fil-31 ta' Mejju 2002 fis-sens illi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

B’risposta pprezentata fit-8 ta’ Lulju, 2002 l-atturi appellati Joseph u Michael, ahwa Cutajar, talbu li l-appell interpost mill-konvenut Salvu Cutajar ghandu jigi michud u b’hekk jigu kkonfermati s-sentenzi appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant. Jigi osservat li b’nota konguntiva tal-4 ta’ Lulju 2002 Nicholas Cutajar ceda l-atti tal-kawza fil-konfront ta’ Salvatore Cutajar.

**Ikkunsidrat:**

Bis-sentenza tas-16 ta’ Novembru, 2001 il-konvenut Salvu (Salvatore) Cutajar gie kundannat jaghti kont tad-dhul u hrug mix-xoghol rizultanti mit-twaqqiegh u skavar fis-sit ta’ Tikka Flats fi Triq il-Kbira, San Giljan inkwantu l-ewwel Qorti laqghat l-ewwel talba attrici billi rriteniet li fl-amministrazzjoni ta’ dan l-appalt u inkass ta’ flus il-konvenut ma kienx qieghed jamministra biss hwejjgu u flusu, izda wkoll dawk ta’ shabu.

Wara li giet pronuznjata din is-sentenza jidher li l-konvenut ottempera ruhu ma’ l-ordni tal-Qorti billi, b’notaipprezentata fit-3 ta’ Dicembru, 2001 – cioe` entro t-terminu ta’ xahar moghti fl-imsemmija sentenza – huwa pprezenta rendikont kif ordnat lilu fl-imsemmija sentenza. B’dan il-mod il-konvenut, kif sewwa osservaw l-atturi appellati fir-risposta taghhom, jidher li qaghad ghal dak li gie deciz fis-sentenza billi kien qed jirrikonoxxi li dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fl-imsemmija sentenza kellu mill-veru. Ghalhekk, skond ma jipprovdi l-Artikolu 228 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, <u>l-appell tieghu mis-sentenza preliminari huwa inammissibbli</u> u dana anke jekk, sussegwentement, l-ewwel Qorti ddikjarat li dan il-kont ma kienx wiehed shih u fidili. Tali dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Qorti, liema dikjarazzjoni ser tigi kunsidrata taht it-tieni aggravju tal-konvenut appellant, ma tnaqqas xejn mill-akkwiexxenza li tirrizulta bil-prezentata ta’ l-imsemmi rendikont da parti tal-konvenut.

L-Artikolu 228(1), hawn fuq imsemmi, infatti jghid li “*M’hemmx appell mis-sentenzi moghtija fuq ammissjoni tat-talba jew minn sentenzi li l-parti taccetta bir-rinunzja ghall-appell jew <u>billi toqghod ghal dak li tkun qatghat is-</u>*

<u>sentenza.</u>" Bil-prezentata tar-rendikont il-konvenut kien qieghed proprju joqghod ghal dak li qatghat is-sentenza. Isegwi li dan l-appell mhux ammissibbli u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Fl-appell tieghu mis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2002 il-konvenut Salvu Cutajar qed ighid li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddikjarat li l-konvenut ma kienx ta' kont shih u fidili ta' l-amministrazzjoni tieghu, billi fl-ewwel lok qed jigi osservat li dak li gie prezentat bin-nota tat-3 ta' Dicembru, 2001 kien gust "*ghax kien* (jirraprezenta) *id-dhul u l-hrug kollu li huwa ghamel fil-prezenza ta' huh Michael.*" Fit-tieni lok qed jigi rilevat li fl-akkoljiment tat-tieni talba l-Qorti kienet skorretta billi dan kien proceduralment inammissibbli nkwantu malli gie prezentat il-kont skond kif ordnat fis-sentenza, kien jispetta lill-atturi li jopponu ghalih permezz ta' citazzjoni kif dispost fl-Artikolu 392 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Fl-Artikoli 389 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stabilit dak li huwa mehtieg meta ssir talba gudizzjarja ghall-ghoti ta' rendikont u ghal-likwidazzjoni ta' frottijiet. Bhala regola generali huwa previst li kull min hu obbligat li jaghti kont ghandu jipprezentah bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh. L-Artikolu 390 inoltre jiddisponi li tali kont ghandu jkun fih tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont, il-partiti tad-dhul, il-partiti tan-nefqa u l-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura. Finalment jinghad li dak il-kont ghandu jaghlaq b'rijassunt. Imbaghad l-Artikolu 392 jipprovdi li "*Meta l-parti, li lilha jinghata l-kont, tkun trid tattakka dak il-kont, ghandha taghmel l-oppozizzjoni taghha billi ssemmi l-partiti li tkun trid topponi, <u>bil-mezz ta' citazzjoni kontra l-parti kuntrarja.</u>*"

Meta l-parti li tkun giet ordnata, skond is-sentenza, li tipprezenta kont, <u>tonqos li taghmel dan fi zmien stabbilit</u>, il-Qorti tista', skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 394 "*tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispecifika, imqar b'gurament, is-somma li ghandha tinghata.*" Mentri fis-

subartikolu (2) ta’ l-istess artikolu huwa provdut li “*Jekk il-parti li lilha jinghata l-kont, ma taghmel ebda oppozizzjoni ghalih bhal ma jinghad fl-Artikolu 392, il-Qorti tista’, fuq talba tal-parti l-ohra, tapprova l-kont.*”

Minn dan jidher li meta l-parti, li tkun giet ordnata tipprezenta rendikont, tottempera ruhha mas-sentenza preliminari, il-kwistjoni quddiem il-Qorti ghandha tieqaf hemm u l-Qorti tal-prim istanza la ghandha tippronunzja ruhha fuq dak il-kont - salv kull pronunzjament li jista’ jinghata dwar jekk dan jkun sar skond il-ligi - u anqas u anqas ma ghandha tghaddi biex tippronunzja ruhha fuq it-talba alternattiva. Dan l-istat infatti huwa rifless fil-mod kif giet redatta c-citazzjoni billi hemm huwa previst li l-akkoljiment tat-tieni talba ghandu jsegwi n-nuqqas tal-konvenut li jottempera ruhu ma’ l-ordni li jista` jinghata a tenur ta’ l-ewwel talba kif formulata. Ghalhekk la darba jinghata kont dik il-Qorti mhux tenuta taghmel ezami tal-kont billi dan jispetta lil Qorti ohra fi proceduri appoziti – dan billi l-proceduri odjerni mhux intizi sabiex issir revizjoni ta’ rendikont.  B’dana kollu tista’ biss dik il-Qorti tghaddi biex tippronunzja ruhha fuq it-tieni talba, minkejja li jkun gie prezentat kont, jekk l-istess kont (a) ma jkunx inghata fit-terminu prestabbilit jew (b) jekk ma jissodisfax ir-rekwiziti kollha kontemplati fl-Artikolu 390 fuq citat. Cirkostanzi li, mid-dicitura tat-tieni sentenza appellata, ma jirrikorrux.

Infatti fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Mejju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ma irrilevat ebda nuqqas fit-termini ta’ l-Artikoli 389 u 390 tal-Kap 12 fil-kont ipprezentat mill-konvenut Salvu Cutajar.  Hija skartat l-istess kont bhala wiehed mhux “shih u fidili ta’ l-amministrazzjoni” mizmuma mill-konvenut, billi, kif jinghad fl-istess sentenza, “*il-konvenut, biex jasal ghall-bilanc, naqqas ukoll infieq illi ma kellu xejn x’jaqsam max-xoghol li tieghu kellu jaghti l-kont, u hekk ghamel tnaqqis li ma kellux isir.*” Issa apparti li x-xiehda ta’ Salvu Cutajar tal-14 ta’ Mejju, 2002, li ghaliha ssir referenza fis-sentenza appellata, ma tinstabx fil-process, ma jirrizultax li l-atturi b’xi mod, anke jekk mhux bil-mezz ta’ citazzjoni kif previst fl-Artikolu 392 fuq imsemmi, oggezzjonaw ghall-kont prezentat. Infatti

jirrizulta li fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2002 l-atturi llimitaw ruhhom li jitolbu zmien "*sabiex jezaminaw il-kontijiet esebiti mill-konvenuti.*" U, ghalkemm f'dik l-udjenza l-Qorti laqghat it-talba u l-kawza giet differita ghall-14 ta' Mejju, 2002 biex "*il-partijiet jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom dwar ir-rendikont*", ma jirrizultax li fid-differiment saru xi osservazzjonijiet. Dan l-aggravju ta' l-appellant ghalhekk huwa gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara l-appell mis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2001 bhala proceduralment inammissibbli u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu. Fit-tieni lok tilqa' l-appell ta' l-istess Salvu Cutajar inkwantu dan jirriferi ghas-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2002 u konsegwentement thassar u tirrevoka l-istess sentenza. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal nofs minn Joseph u Michael, ahwa Cutajar, solidament bejniethom, u r-rimanenti nofs minn Salvu Cutajar, b'dan ukoll li l-ispejjez kollha ta' Nicholas Cutajar, kemm tal-prim istanza kif ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati minn Salvatore Cutajar konformement man-nota ta' cessjoni tal-4 ta' Lulju, 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------